6 ta' Diċembru, 1948.

**Imħallef:**

**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Arturo Mirasole *versus* Manwel Borg**

## Inġurja — Verità tal-Konviċju — Bwona Fede — Prova.

*Biex tirnexxi d-difiża tal-verità tal-konviċju hemm bżonn li l-prova li jagħmel id-diffamatur dwar l-imputazzjoni minnu addebitata lill-kwerelant tkun ta' l-istess grad ta' dik li ordinarjament għandha tagħmel il-Prosekuzzjoni meta taddebita bl-att ta' l-akkuża delitt lill-proċessat.*

*Il-bwona fede tad-diffamatur ma għandhiex x'taqsam. Għax xejn ma jservi lill-kwerelat li jipprova li hu jaħseb li l-addebitu minnu magħmul kien veru. Darba mogħtija l-eċċezzjoni tal-verità tal-konviċju, xejn ma tiswa l-prova ta' l-istat subjettiv ta' ċertezza fid-diffamatur; imma dik l-eċċezzjoni tiġi sostnuta biss mill-prova objettiva tal-verità tal-fatti. Id-diffamatur għandu joqgħod attent li, qabel ma jakkuża, ikollu f'idejh il-provi ta' l-akkuża.*

Dan hu appell tal-kwerelat mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fit-3 ta' Ġunju 1948, li biha l-imsemmi Borg, kwerelat mill-imsemmi Mirasole, ġie misjub ħati ta' inġurja gravi u kundannat għall-piena tal-multa ta' £15 u għall-ħlas ta' l-ispejjeż kollha tal-kawża;

Trattat dan l-appell, li bih il-kwerelat talab ir-revoka tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u l-ħelsien tiegħu mill-imputazzjoni, din il-Qorti, wara li reġgħet semgħet.............., ikkunsidrat:

Kif jidher mill-verbal fol. 38, il-kwerelant talab li l-kwerela testenti ruħha għall-prova tal-verità tal-fatti. Il-kwere-

lat, kif jidher mis-sistema ta' difiża minnu adoperata, ressaq provi biex juri l-verità ta' l-addebiti kontenuti fl-ittra denunzjata. Ma hemmx bżonn jingħad li skond il-liġi — art. 266 Kap. 12 — din il-prova tal-verità tal-konvinċju tista' ssir f'żewġ każijiet, li wieħed minnhom huwa preċiżament dak meta l-istess kwerelant jitlob formalment li l-proċeduri jestendu ruħhom għall-inkwesta dwar il-verità jew falsità tal-fatti lilu attribwiti;

Hu xieraq, qabel xejn, li jiġi stabbilit liema għandha tkun din il-prova tal-verità tal-konvinċju;

Id-dottrina ġuridika ma tħalli ebda dubju dwar il-portata ta' din il-prova. Il-Frola jgħid, fit-trattat tiegħu "Delle Ingiurie e Diffamazioni", illi "la prova dei fatti vuol essere larga, piena e sicura..............." (p. 160). Il-Gatley, "On Libel and Slander", igħid illi "to succeed in a plea of justification the defendant must justify the precise imputation complained of" (p. 173). L-Odgers ("On Libel and Slander", pag. 191) jiċċita żewġ sentenzi tal-Qrati Ingliżi, waħda taċ-Chief Justice Tindal u l-oħra taċ-Chief Justice Denman, li jfornixxu kriterju tal-grad ta' dina l-prova, illi ċjoè "at the trial the plea must be proved as strictly as an indictment for the offence which it imputes". U dan il-kriterju hu ġust ferm, għaliex, kif josserva l-Frola, id-diffamatur, bl-"exceptio veritatis", isir "privato accusatore", u kwindi hu loġiku li, kif irritenew il-Qrati Ingliżi, il-prova li għandu jagħmel id-diffamatur dwar l-imputazzjoni minnu addebitata lill-kwerelant għandha tkun ta' l-istess grad ta' dik li ordinarjament għandha tagħmel il-Prosekuzzjoni meta taddebita bl-att ta' l-akkuża delitt lill-proċessat;

Hu anki ta' min josserva illi f'każijiet bħal dawn il-bwona fede ma għandha x'taqsam xejn. "In order to establish a plea of justification" — igħid il-Gatley (op. ċit. p. 173) — "the defendant must prove that the imputation complained of is true. It is not enough for him to prove that he believed that the imputation was true..............." Il-Frola jagħti raġuni soda ferm il-għaliex il-bwona fede ma tiswiex meta tingħata l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti; difatti dana l-awtur igħid illi, darba mogħtija dik l-eċċezzjoni, l-unika ħaġa li tista' ssostniha hi l-prova obbjettiva tal-verità tal-

*fatti, u xejn ma għandha x'taqsam il-prova ta'* l-istat sub-bjettiv ta' ċertezza tad-diffamatur (idem p. 160);

Iżda l-istess Frola illi ma hux biżżejjed li d-diffamatur igħid, a proprju diskariku, li sama' dak li qal minn għand ħadd ieħor ("relata retuli"); hu kelln joqgħod attent li qa-bel ma jakkuża jkollu l-prova ta' l-akkuża f'idejh;

Ikkunsidrat;

Illi l-istat tal-provi ma hux tali li l-Qorti tista' tgħid li l-kwerelat laħaq dan il-grad ta' prova, lanqas jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh il-prinċipju illi hemm bżonn li jiġi pruvat, kif jingħad, "the sting of the charge", u jipprexindi minn "slight inaccuracies in detail";

*Omissis;*

Għalhekk *il-prova ta'* l-"exceptio veritatis" ma saretx;

Il-kontenut ta' l-ittra hu bla dubju ingurjuż; u dan ma jeħtieġ ebda komment, għaliex hu l-każ ta' "dolus inest in re ipsa". Hu forsi ta' min jinnota illi fl-ittra hemm espres-sjoni rikorrenti............. kliem xejn affattu neċessarju għal min qed jagħmel denunzja fl-interess pubbliku, kif jeħtieġ li tkun anki skond il-liġi (art. 266 para. 3);

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tirritjeni mhux pruvata l-verità tal-fatti u għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-kwerelat appellant. Tagħtih xahar żmien għall-ħlas tal-multa. Drittijiet tad-di-fensuri 12s. għal kull seduta li fiha nstemgħu xi provi, u 8s. għal kull seduta oħra.

---